# Linji Gwida tal-MAR

**Informazzjoni relatata mas-swieq ta' derivattivi ta' komoditajiet jew swieq spot relatati għall-finijiet tad-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar derivattivi ta' komoditajiet**

17/01/2017 | ESMA/2016/1480 MT

# Werrej

1 Kamp ta’ applikazzjoni ... 3

2 Referenzi, taqsiriet u definizzjonijiet ... 3

3 Għan ... 4

4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar ... 4

4.1 L-istatus tal-linji gwida ... 4

4.2 Rekwiżiti ta’ rapportar ... 4

5 Linji gwida dwar informazzjoni relatata mas-swieq ta' derivattivi ta' komoditajiet jew swieq spot relatati għall-finijiet tad-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar derivattivi ta' komoditajiet ... 5

# 1 Kamp ta’ applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-Awtoritajiet Kompetenti u l-investituri, l-intermedjarji finanzjarji, l-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar u l-persuni li jirranġaw u jwettqu tranżazzjonijiet b'mod professjonali fid-derivattivi ta' komoditajiet (flimkien, "parteċipanti fis-suq").

**Xiex?**

2. Skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dawn il-linji gwida jipprovdu lista indikattiva mhux eżawrjenti ta’ informazzjoni li hija raġonevolment mistennija jew meħtieġa li tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, regoli tas-suq, kuntratti, prattika jew użanzi standard, fuq is-swieq tad-derivati tal-komoditajiet jew swieq spot rilevanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tat-traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

# 2 Referenzi, taqsiriet u definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| ESMA | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| UE | Unjoni Ewropea |
| MAR | Regolament dwar l-abbuż tas-suq; Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE[1] |
| MiFID II | Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE2 |
| ĠU | Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea |

[1] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1–61
[2] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496

| | |
|---|---|
| REMIT | Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa[3] |

# 3 Għan

4. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jagħtu eżempji indikattivi ta' informazzjoni "li hija raġonevolment mistennija jew meħtieġa li tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, regoli tas-suq, kuntratti, prattika jew użanzi standard, fuq is-swieq tad-derivati tal-komoditajiet jew swieq spot rilevanti" kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tal-MAR, li huwa kriterju wieħed tad-definizzjoni ta' informazzjoni minn ġewwa relatata mad-derivattivi ta' komoditajiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tal-MAR. Dawn il-linji gwida la jispeċifikaw aktar il-kriterji l-oħrajn tad-definizzjoni, (lanqas il-kunċetti ta' preċiżjoni tal-informazzjoni u s-sensittività tagħha għall-prezzijiet) u lanqas ma jimponu rekwiżiti addizzjonali ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni.

# 4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## 4.1 L-istatus tal-linji gwida

5. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 7(5) tal-MAR. L-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-suq għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

## 4.2 Rekwiżiti ta' rapportar

6. Awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom li jikkonformaw mal-linji gwida, b'raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni mill-ESMA fuq [MARguidelinesGL1@esma.europa.eu]. Dokument mudell għan-notifiki jinsab fuq is-sit elettroniku tal-ESMA.

7. Il-parteċipanti fis-suq mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

[3] ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1–16

# 5 Linji gwida dwar informazzjoni relatata mas-swieq ta' derivattivi ta' komoditajiet jew swieq spot relatati għall-finijiet tad-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar derivattivi ta' komoditajiet

8. Skont l-Artikolu 7(5) tal-MAR, dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jistabbilixxu lista indikattiva mhux eżawrjenti ta’ informazzjoni li hija raġonevolment mistennija jew meħtieġa li tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, regoli tas-suq, kuntratti, prattika jew użanzi standard, fuq is-swieq tad-derivati tal-komoditajiet jew swieq spot kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tal-MAR.

9. Il-fatt li tip partikolari ta' informazzjoni ma tkunx inkluża fil-lista ma jfissirx li ma tistax titqies bħala informazzjoni privileġġata, u l-inklużjoni ta' tip ta' informazzjoni lanqas ma tfisser li din tkun awtomatikament informazzjoni privileġġata. Il-valutazzjoni dwar jekk l-informazzjoni hijiex informazzjoni privileġġata ser ikollha ssir fuq bażi ta' każ b'każ skont il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b) tal-MAR.

10. Biex l-informazzjoni titqies bħala "raġonevolment mistennija li tiġi żvelata", għandha tkun (i) aċċessibbli sew b'mod mhux diskriminatorju wara l-iżvelar, (ii) inkluża f'dikjarazzjoni uffiċjali u mhux parti minn opinjoni privata jew personali jew minn analiżi u (iii) ma tkunx għajdut jew dikjarazzjoni spekulattiva.

11. Il-paragrafi li ġejjin jistabbilixxu eżempji ta' informazzjoni li l-ESMA tqis li għandhom jiġu inklużi fil-lista indikattiva mhux eżawrjenti ta' informazzjoni li hija raġonevolment mistennija jew meħtieġa li tiġi żvelata kif imsemmi fl-Artikolu 7(5) tal-MAR.

### Eżempji ta' informazzjoni relatata direttament mad-derivattivi ta' komoditajiet

12. Informazzjoni meħtieġa li tiġi ppubblikata miċ-ċentri tan-negozjar skont l-Artikolu 58(1)(a) tal-MiFID II[4] dwar il-pożizzjonijiet aggregati meħuda minn kategoriji differenti ta' persuni għad-derivattivi ta' komoditajiet differenti nnegozjati fiċ-ċentru tagħhom.

---

[4] Skont l-Artikolu 58(1)(a) tal-MiFID II:
"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru tan-negozjar li jinnegozja derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tiegħu:
(a) jippubblika rapport ta' kull ġimgħa bil-pożizzjonijiet aggregati meħuda mill-kategoriji differenti ta' persuni għad-derivattivi ta' komoditajiet differenti jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom innegozjati fiċ-ċentru tan-negozjar tagħhom, li jispeċifika n-numru ta' pożizzjonijiet twal u qosra permezz ta' tali kategoriji, il-bidliet fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwali tat-total ta' interess miftuħ rappreżentat minn kull kategorija u n-numru ta' persuni li għandhom pożizzjoni f'kull kategorija skont il-paragrafu 4 u jikkomunika dak ir-rapport lill-awtorità kompetenti u lill-ESMA; l-ESMA għandha tipproċedi għal pubblikazzjoni ċentralizzata tal-informazzjoni inkluża f'dawk ir-rapporti".

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 58(4) tal-MiFID II:
"Ir-rapporti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw in-numru ta’ pożizzjonijiet twal u qosra permezz tal-kategorija tal-persuni, kwalunkwe bidla fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwali tat-total ta’ interess miftuħ rappreżentat minn kull kategorija, u n-numru ta’ persuni f’kull kategorija.".

13. Fil-limiti li fihom id-derivattivi ta' komoditajiet huma standardizzati, il-parteċipanti fis-suq jistennew b'mod raġonevoli li jirċievu informazzjoni mhux frekwenti dwar iċ-ċirkostanzi li jaffettwaw il-karatteristiċi fundamentali tad-derivattiva ta' komodità jew il-kuntratt li fuqu tali derivattiva ta' komodità tkun ibbażata, bħal bidla tal-ispeċifikazzjonijiet ta' komodità sottostanti jew tal-indiċi ta' komoditajiet sottostanti, il-bidla perjodika tal-basket sottostanti jew bidla fil-punt ta' twassil.

14. Informazzjoni dwar il-livelli jew il-movimenti tal-istokks ta' komoditajiet fl-imħażen u l-faċilitajiet ta' ħżin li hija meħtieġa jew raġonevolment mistennija li tiġi ppubblikata skont ir-regoli jew il-prattiki ta' suq ta' derivattivi ta' komoditajiet.

**Eżempji ta' informazzjoni relatata indirettament ma' derivattivi ta' komoditajiet mingħajr suq spot relatat**

15. Informazzjoni raġonevolment mistennija li tiġi żvelata minn entitajiet pubbliċi mill-UE jew barra mill-UE, bħall-Eurostat, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Banek Ċentrali Nazzjonali jew l-uffiċji jew l-istituti nazzjonali tal-istatistika, b'rabta ma' statistika u tbassir ekonomiku uffiċjali bħall-PDG, id-dejta dwar il-bilanċ tal-pagamenti u r-rati ta' inflazzjoni.

16. Informazzjoni raġonevolment mistennija li tiġi żvelata b'mod mhux diskriminatorju mill-fornituri ta' informazzjoni, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-entitajiet tal-gvern b'rabta mal-merkanzija fil-qasam tat-tbaħħir.

**Eżempji ta' informazzjoni direttament relatata ma' kuntratt spot dwar komoditajiet**

17. Informazzjoni meħtieġa li tiġi żvelata pubblikament skont REMIT għall-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa (elettriku u gass), inkluża informazzjoni minn ġewwa kif meħtieġ skont l-Artikolu 4(1) ta' REMIT.

18. Informazzjoni dwar l-irkanti fis-swieq spot għal kuntratti ta' prodotti tal-enerġija (irkant day, irkanti intraday u swieq tal-ibbilanċjar) maħruġa wara l-jum ta' kunsinna tal-elettriku skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji skont il-liġi nazzjonali jew ir-regoli jew il-prattiki tas-suq spot fil-prodotti tal-enerġija.

19. Informazzjoni statistika li ssir disponibbli pubblikament fil-bażi ta' data tal-Joint Organisations Database Initiative (JODI) dwar il-produzzjoni, l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet, l-istokks, il-konsum tar-raffinerija u d-domanda b'rabta mal-prodotti relatati maż-żejt (pereżempju żejt mhux raffinat, petrol, pitrolju) u fil-bażi ta' dejta għall-gass tal-JODI.

20. Komunikazzjonijiet uffiċjali maħruġin minn konferenzi ta' pajjiżi li jipproduċu ż-żejt meta jkunu relatati ma' deċiżjonijiet dwar livelli ta' produzzjoni.

21. Informazzjoni dwar il-produzzjoni, l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u l-istokks ta' komoditajiet li fuqhom huwa bbażat derivattiv ta' komodità u informazzjoni ta' tranżazzjoni dwar l-attività fis-suq spot ta' komoditajiet raġonevolment mistennija li tiġi żvelata skont il-prattiki tas-suq spot.

22. Informazzjoni statistika raġonevolment mistennija li tiġi żvelata minn entitajiet pubbliċi mill-UE jew barra mill-UE, fil-livell nazzjonali b'rabta mal-komoditajiet.

23. Informazzjoni raġonevolment mistennija li tiġi żvelata minn pjattaformi bejn l-aġenziji li għandhom l-għan li jtejbu t-trasparenza tas-suq tal-ikel u li jħeġġu l-koordinazzjoni tal-azzjoni tal-politika b'risposta għall-inċertezza tas-suq, bħas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS).

24. Informazzjoni raġonevolment mistennija li tiġi żvelata minn entitajiet privati dwar bidliet fil-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ħżin ta' komoditajiet (ħinijiet tal-ftuħ, tariffi, eċċ.), ir-rata load-in jew load-out tagħhom jew b'mod aktar ġenerali l-kapaċità tagħhom biex jipproċessaw il-komodità għall-ħżin u l-kunsinna, il-livelli jew il-movimenti tal-istokks fl-imħażen ippubblikata skont il-prattiki ta' suq spot ta' komoditajiet.

25. Informazzjoni raġonevolment mistennija li tiġi żvelata b'rabta mal-eżistenza ta' marda importanti li taffettwa l-komoditajiet jew il-bidliet agrikoli fil-politiki ta' sussidji relatati ma' dawk il-prodotti li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet ta' entitajiet pubbliċi.

26. Informazzjoni dwar l-attivitajiet li jsiru u l-miżuri li jittieħdu mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u korpi oħrajn maħturin uffiċjalment li huma fdati bil-ġestjoni tas-swieq agrikoli skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK) u s-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (CFP) sakemm din l-informazzjoni tiġi ppubblikata minnhom.